SANTA LUĊIJA
**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 12-20**

**29 ta' April 2020**

Minħabba iċ-ċirkustanzi preżenti Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' b'mod virtwali fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI :**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato - Kunsilliera
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadt

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku, l-Kunsill għamel minuta silenzju b'rispett lejn is-Sinjura Joyce Guillaumier, residenta li kienet ingħatat Ġieħ Santa Luċija fis-sena 2003. Is-Sinjura Joyce Guillaumier mietet nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2020.

**12.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 11-20**

**12.2.1 *Skema LC Care – Kura tal-annimali fil-Komunita'***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 11.2.1 dwar l-iskema hawn fuq imsemmija. Huwa innota bi pjaċir li issa l-Kunsill ingħata l-fondi. Is-Sindku qalet li qed nippruvaw inġibu kwotazzjonijiet fuq kull *item* li hemm fil-BOQ.

**12.2.2 *Newsletter tal-Kunsill***

Saret referenza għall-*newsletter* tal-Kunsill. Is-Sindku talbet il-Kunsilliera biex ilestu *write-up* ta' mhux aktar minn pagna.

**12.2.3 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 11-20 ġew approvati mill-Kunsill.

**12.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**12.3.1 *Approvazzjoni għal ħlasijiet***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill it-talba għal ħlas ta' €1132.80 fuq xogħol ta' kisi tal-art fil-*kitchenette* tat-Tea Room. Il-Kunsill approva din it-talba għal ħlas.

**12.3.2 *Kwotazzjoni għall-installar ta' floodlights fi Pjazza Dorell***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni tal-Kuntrattur Nexos Lighting biex jiġu nstallati *floodlights* fi Pjazza Dorell. Ġie innutat li l-Kunsill ingħata żewġ

*options* fuq kif jista jitwettaq dan ix-xogħol. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €1475.00.

**12.3.3** ***Kwotazzjoni għal uprooting u żbir ta' siġar***

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni biex jinqalgħu tlett siġriet kbar minn Triq Maria De' Domenicis u jsir żbir ta' siġar fi Triq Inez Soler. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tipprova iġġib kwotazzjoni oħra sal-laqgħa li jmiss.

**12.3.4** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM12-20 għall-perjodu bejn il-25 ta' Marzu 2020 sat-28 ta' April 2020 u minn *cheque* numru BOV 8037 sa *cheque* numru BOV 8091.

**12.4** **Komunikazzjonijiet**

**12.4.1** ***Vakanza Assistent Prinċipal (Full-time)***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-evalwazzjoni tal-kandidati għall-vakanza hawn fuq imsemmija issa kienet lesta u qed tipproponi l-kandidata Marilyn Ellul li għandha l-kwalifiki neċessarji biex timla dan il-post vakant. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ta l-approvazzjoni tiegħu biex is-Sinjorina Ellul tiġi mpjegata bħala Assistent Prinċipal fi skala 11 mal-Kunsill ta' Santa Luċija.

**12.4.2** ***Rapport tal-Kunsillieri***

Is-Sindku irreferit għar-rapport ta' kull sena li għandu jitħejja mill-membri tal-Kunsill b'rabta mal-ħidma tagħhom. Hija ħeġġet biex min għadu ma issottomettix dan ir-rapport għandu jagħmel dan kemm jista jkun malajr.

**12.4.3** ***Xogħol ta' tindif mill-ħaddiema tal-Kumpanija OZO***

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġie offrut ħaddiema mill-kumpanija OZO biex jagħmlu xogħolijiet fil-komunita'. Hija qalet li dawn qed jagħmlu xogħol ta' tindif fil-komun tal-binjiet tal-Gvern, xogħol ta' tikħil ta' ċnut kif ukoll xogħol fuq qtugħ ta' ħaxix.

**12.4.4 Proposta ta' Żvilupp fi Triq il-Ġibjun PA/01432/20**

Is-Sindku infurmat li l-iżviluppaturi fuq din il-proposta ta' żvilupp kienu issottomettew pjanti ġodda. Qamet diskussjoni f'dan ir-rigward. Is-Sindku qalet li talbet lill-perit tal-Kunsill biex jiċċekja hemmx irregolitajiet u qrat l-*e-mail* tal-perit f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku qal li jekk il-Kunsill ikun ser irressaq oġġezzjoni, din għandha tkun approvata mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li jidher li m'hemmx irregolaritajiet għaldaqstant id-deċiżjoni għandha titħalli f'idejn l-Awtorita' tal-Ippjanar.

***12.4.5 Talba għat-tneħħija ta' Notice Board minn Triq Inez Soler***

Is-Sindku qalet li sid ta' ħanut fi Triq Ineż Soler ressqet talba biex jitneħħa in-*notice board* tal-Kunsill li hemm ħdejn il-bieb tal-ħanut tagħha. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u għandu jara jekk dan in-*notice board* għandux jitressaq mal-ġenb tal-ħanut tat-tarf jew isir *free standing*.

***12.4.6 Estenzjoni tal-Jogging Track***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet ressqet talba lill-Infrastructure Malta biex il-Jogging Track jiġi estiż sal-Klabb tal-Boċċi fi Vjal Oleandri bħala kumpens għal dik il-parti tal-Jogging Track li ntilfet bil-proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani. Hija qalet li qed tistenna tweġiba uffiċjali dwar din il-proposta. Is-Sindku qalet ukoll li kif ikun possibli ser titlob laqgħa ma' Infrastructure Malta dwar il-proġett tal-*promenade* biex il-pjanti ta' dan il-proġett ikunu jinkludu d-*dogpark*.

***12.4.7 Applikazzjoni għall-arja ta' fuq il-Berġa***

Is-Sindku qalet li mal-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-arja ta' fuq il-Berġa trid tiġi annessa reżoluzzjoni tal-Kunsill. Hija qalet li għaldaqstant ser tkun qed tressaq mozzjoni li ser tkun qed titniżżel fuq l-Aġenda tal-Laqgħa li jmiss. Il-Viċi Sindku irrefera għal proposta ta' żvilupp fuq il-bini tal-Berġa u ppropona li issir modifika fil-pjanti biex dawn jinkludu *lift* fuq barra. Is-Sindku qalet li ser tkellem lill-perit fuq din il-proposta.

***12.4.8 Talba għal xiri ta' kotba għat-Tfal***

Is-Sindku qalet li l-librara qed titlob li jinxtraw aktar kotba għat-tfal bi spiża ta' madwar mitejn ewro. Is-Sindku qalet li din it-talba għandha tiġi ikkunsidrata kif jerġgħu jiftħu l-librerji pubbliċi.

**12.4.9** ***Binjiet Mixgħula ħomor***

Is-Sindku irreferit għaċ-Ċirkulari AKL 2020-039 fir-rigward tal-inizjattiva biex binjiet jinxtegħlu ħomor fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-inizjattiva billi jinxtegħlu l-*floodlights* fi Pjazza Dorrell u l-Ġnien Ċiniż bl-aħmar. Il-Kunsillier Terrence Ellul għandu jieħu ħsieb din l-inizjattiva.

**12.4.10** ***Presepju Ħaj – Milied 2020***

Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Ellul jitkellem dwar l-inizjattiva – Presepju Ħaj għal Milied 2020. Il-Kunsillier Ellul tkellem fid-dettal dwar din l-inizjattiva li ser issir fi żmien il-Milied bl-għajnuna ta' nies volontarji li ser jaħdmu miegħu fuq din il-proposta. Saret diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li l-Kunsill preċedenti kien qabel li dan il-presepju jsir viċin il-Knisja. Il-Kunsillier Ellul qal li kien qed jipproponi li dan il-presepju jerġa jsir fl-area magħrufa bħala Sculpture Garden. Il-Kunsillier Sciberras qal li jaqbel fil-ħsieb għax din l-inizjattiva tgħaqqad lir-raħal. Ġie deċiż li l-Kunsillier Terrence Ellul għandu jħejji l-istima tal-ispejjeż involuta u jressaqha għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**12.4.11** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

Is-Sindku irreferit għal talba li saret minn residenti biex issir manutenzjoni neċessarja fi Triq Petunja. Ġie innutat li parti minn dan il-passaġġ inxtara minn resident mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku qalet li għandha tinġib stima tax-xogħol involut biex dan il-passaġġ isir bil-*paving*.

**12.4.12** ***Memos li ntbgħatu lill-Kunsilliera***

Is-Sindku irreferit għall-*memos* imsemmija hawn taħt li ntbagħtu lill-Kunsilliera u li ser jiġu elenkati fil-minuti:

- SLLC Memo 8 – Direzzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv mill-President tal-Ansek
- SLLC Memo 9 – Approvazzjoni għal xiri ta' Fjuri
- SLLC Memo 10 – Kuntratti u Sejħiet fuq l-epps

**12.5 SLLC CM(57-19-07) Servizz Professjonali ta' Contract Manager – Rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport ta' Evalwazzjoni tas-sejħa hawn fuq imsemmija. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jmur għar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni u dan il-kuntratt jingħata lill-Kuntrattur, Analise Duca li tefgħet l-orħos offerta.

**12.6 SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u *Soft Areas* fil-Lokalita' ta' Santa Lucija – Kumitat ta' Evalwazzjoni**

Il-Kunsill approva il-membri fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għas-sejħa hawn fuq imsemmija kif ġej:

Chairperson: Charmaine St John

Evalwaturi: Frederick Cutajar, Terrence Ellul u Liam Sciberras

Segretarju: Caroline Silvio

**12.7 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**12.7.1** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras***

Ġie innutat li l-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras fir-rigward ta' tagħrif dwar servizz ta' tindif fil-komun tal-binjiet tal-Gvern, ġiet imwieġba mis-Sindku waqt il-komunikazzjonijiet.

**12.7.2 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2020 f'12.00p.m. (Nofsinhar)

**Konfermati, illum il-** Tlieta **,** 12 **ta'** Mejju **2020**

**Charmaine St John**
**Sindku**

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**